Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

**10 ta' April 2025**

Il-laqgħa numru 15 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Ħamis 10 ta' April, 2025, fil- 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **15** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija |
| | |
| **15.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Kien hemm xi kjarifika żgħar li ġew diskussi qabel il-laqgħa u għaldaqstant dawn inbidlu fil-minuti. Dawn ġew iffirmati mis-sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv. |
| | |
| **15.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku informa li nhar il-25 ta' Marzu kellu laqgħa mal-ERA fuq il-fondi. Dawn il-fondi ser ikunu qed jintużaw sabiex isebbħu l-ġonna u jiżdiedu siġar u pjanti |
| | Is-sindku infoma li fis-26 ta' Marzu kien hemm laqgħa mas-CMD sabiex jiġi diskuss kif qed jaħdem l-operat. Għal din il-laqgħa kienu mistednin is-Sindku, id-DES, kif ukoll il-kunsillier li taħtu jaqa' dan id-dekasteru. Id-DES marret tirrapreżenta lil-Marsaxlokk |
| | Is-Sindku informa li fis-27 ta' Marzu kien hemm laqgħa mal-Perit Zerafa Boffa fuq kif ser jgħaddi id-drenaġġ mill-Pjazza. Il-Kunsill insista li l-pavimentar li ser jitkisser jerġa jitqiegħed kif kien.<br><br>Fl-istess ġurnata kien hemm ukoll l-inawgurazzjoni tal-outdoor gym li għalija kienu mistednin il-kunsilliera kollha. Għal inawgurazzjoni kienet mistiedna l-ON. Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli |
| | Is-Sindku informa li fid-9 ta' April kellu laqgħa fuq kif ser jiċċaqalqu l-arbli tad-dawl minħabba xogħolijiet fuq it-Torri Vendome. Waqt din il-laqgħa is-sindku ġie infurmat ukoll li kien hemm leak ta' ilma mis-saqaf u dan kien se jikkomplika il-proċess. |
| | Is-Sindku informa li fl-10 ta' April kellu laqgħa ma Dr Cremona mill-uffiċju tal-Ombudsman rigward id-dgħajjes tat-turisti. Is-Sindku qal li hu spjega sitwazzjoni lil Dr Cremona u qalilha li l-kunsill qed jistenna minn naħa ta' TM iktar indikazzjonijiet. Hu spjega ukoll li xatt ma setgħax ikollu umbrella għal kull operatur għax b'hekk kienu ser jingumbraw ix-xatt kollu. Bħala kunsill nixtiequ li ssir venda imma TM iridu jaraw x'ħa jiġri. Is-Sindku spkega lil Dr Cremona li s-Sur Caruana qiegħed fiż-żona l-aktar għas-sajjieda.<br><br>Is-sindku qal ukoll li mill-1 ta' Mejju għandhom jibdew bit-tabelli ordnati anke tar-restoranti.<br><br>Daniel qal li l-ombudsman irid jara ukoll fuq it-tables and chairs għax qatt ma sar xejn. Is-sindku qal li hu spjega lil Dr Cremona li hemm partijiet li suppost ma jkunx hemm umbrelel u siġġijiet. Daniel qed jissuġġerixxi li l-kunsill għandu |

| | |
|---|---|
| | jieħu deċiżjoni fuq hekk isirx venda jew le. Hu qed jissuġġerixxi li l-kunsill għandu jorganizza l-venda hu stess. Is-Sindku qal li meta mar għand is-sur Mark Mallia l-OPM, kien issuġerilu sistema Hybrid. Is-sindku kien saqsih fejn ser jagħmel it-ticket booth, fil-pjazza? U Sur Mallia qallu post ieħor.<br><br>Is-sindku għalhekk qed jissuġġerixxi li issir ticket booth, u titħaddan is-sistema ta' Hybrid u dħul fiha ikun volontarju. Is-sindku qal ukoll li ħadd ma jaf minn għandu permess jew le, u jista' jaqbad u jarma xi ħadd. Il-permessi huma miżmumgħin Marsaxlokk u ħadd ma jaf ala.<br><br>Matthew qal li ilna minn Lulju li għadda bl-opinjoni li dawn jiġu jaħdmu b'venda. Din id-deċiżjoni informajna biha lil TM u kien hemm ħafna mill-operaturi qablu li jmorru għal venda waqt il-laqgħa ta' TM. Għalhekk il-kunsill għandu joħroġ permess ta' ticket booth wieħed, u min irid jidħol fih u min ma jridx ma jidħolx. Hekk il-kunsill joħloq din il-venda, u din għanda tkun il-pjazza.<br><br>Miriam qalet li għanda ngħidu lil TM li ħa jsiru 2 ticket booths, għax ikun hemm xi nies ma jridux jaħdmu ma xulxin u b'hekk ikollhom l-option. Is-sindku qal li hekk ma jgħamilx sens għax minn ma jaqbel ma ħadd minnhom fejn se jmur? Għalhekk għanda ssir waħda u min irid jaħdem magħha jaħdem, hekk le, jaħdem għal rasu.<br><br>Reno saqsa, min fejn se titlaq id-dgħajjsa, min fejn ser iniżżlu, eċċ. Hu kien qed jissuġġerixxi li ticket booth issir fejn it-tourist office. Għandu jsir ukoll qtugħ online. Matthew qal li għanda nsibu soluzjoni li tkun l-aktar waħda attrajenti sabiex l-maġġoranza tal-operaturi jissieħbu fil-venda.<br><br>Matthew saqsa jekk fl-eventualita TM jagħtuna dettalji kollha ta min huma l-operaturi u minn fejn iridu joperaw skond il-permess, il-Kunsill jistaxma jagħtix permess għal umbrella u tabella lil xi operatur partikolari? Is-sindku wieġeb li iva, il-Kunisll jista ma joħroġx permess biex jitpoġġew affarijiet ta' żgombru.<br><br>Is-sindku qal li għandu jittieħed vot, li għanda issir venda waħda, sabiex titnaqqas l-inkwiet u kollox jiġi organizzat. Fuq dan ittieħed vot u kullħadd qabel. Għalhekk il-kunsill kien se jitlob lil TM biex issir venda. It-ticket booth ser isir fil-pjazza u biex jitilqgħu ser jintuża l-moll l-kbir li ma fihx ħoloq quddiem il-Bukkett Restaurant – pont numru 2. Matthew issuġġerixxa li jekk TM ma jwieġbux sal-aħħar t'April, il-Kunsill imexxi indipendentement billi joħroġ permess wieħed biss kif maqbul. |
| | Is-sindku qal ukoll li il-ħadd 6 ta' April hu u impjegata niżlu fuq il-monti sabiex jinfurmaw li fid-29 ta' April ser issir laqgħa miftuħa għal bejjiegħa tal-monti sabiex niddiskutu l-byelaw. Kien hemm chaos ukoll fuq il-mod ta' kif qiegħed il-parking. Għaldaqstant ser inkunu qed niktbu lil TM.<br><br>Waqt din ir-ronda ġie innotat li 3 persuni kienu qed jarmaw f'post fin-nofs fil-pjazza fejn kienu qed itellfu l-monti. Dawn kienu diġà mitlubin mill-kunsill preċedenti sabiex iċaqalqu l-posta tagħhom għal post ieħor alternattiv. Wieħed |

| | |
|---|---|
| | minn dawn il-bejjiegħa kien diġà iċċaqlaq. Wieħed minn dawn il-bejjiegħa bagħat ittra bl-avukat fejn kien qed jalludi li s-sindku kien arroganti. Hawn ġie deċiż li sindku u DES kienu se jistiednu lill-bejjiegħa u l-avukat sabiex jispjegaw ruħhom.<br><br>Is-Sindku qed jipproponi li ticketing booth għandu jsir flok dawn it-3 posti sabiex kollox jiġi ordnat. |
| | Is- sindku spjega li wara li hu u Kunsillier responsabbli mill-kultura tkellmu ma xi sajjieda dawn ġibdu l-attenzjoni li data magħżula għal attività kulturali li ser issir mill-iskema maħruġa mid-DLG mhux tajba minħabba ritwal tas-sajd. Għaldaqstant qed tiġi proposta li din l-attivita issir f'April 2026.<br><br>Matthew qal li kull data ser ikollha xi sajjieda li jkunu fuq il-baħar għalhekk hu ma jaqbilx li din id-data tinbidel. L-kunsilliera l-oħra qablu li din id-data għanda tinbidel sabiex takkomoda lis-sajjied. |
| | Matthew ġibed l-attenzjoni ukoll fuq Delimara u l-fatt li kien waqa' parti mill-blat tal-irdum, viċin il-bajja ta' St Peter's Pool. Hu saqsa sabiex l-awtoritajiet konċernati jkunu mitluba jagħmlu isir fencing ħalli jitnaqqas il-periklu. Is-sindku qal li l-kunsill m'għandux flus sabiex dan isir u għalhekk kien ser jitlob l-għajnuna tal-ministeru tat-turiżmu għal fencing kif ukoll għal tabelli li jindikaw il-periklu.<br><br>Is-Sindku qal ukoll li l-kumitat ta' delimara kien qed jissuġġerixxi li triq tal-powerstation tiġi one way. Il-kumitat identifika ukoll sit għal latrini |
| | Is-Sindku informa ukoll li kien se jibda l-proċess fuq id-dog park. Dan ser isir minn skema għaldaqstant ser titnaddaf l-area, u jsir il-fence. |
| | Is-sindku informa ukoll li l-kunsill kien irċieva talba sabiex fil-parking tal-Magħluq nhar ta' Ħadd tibda tintrama mobile car wash. Il-Kunsilliera qablu kollha li l-post diġà żgħir kif inhu speċjalment bil-ġenn li jkun hemm nhar ta' Ħadd għalhekk din it-talba ma tistax tiġi milqugħa |
| | Is-Sindku qal li kienu ser jiżdiedu aktar rotot tal-karozzi tal-linja u l-Kunsill ġie mitlub sabiex iressaq il-proposti tiegħu. Hu qed jissuġġerixxi li 210 fil-ħinijiet ta' filgħodu kellha tiżdied fil-frekwenza, u anke l-81 u l-85. Matthew issuġġerixxa li anke l-86 għanda tkun aktar frekwenti u li għanda tiġi introdotta rotta ġdid li minn Buġibba tgħaddi għal San Ġiljan, għal tas-Sliema, għal Marsa Park and Ride għal Marsaxlokk fis-sajf bħalma kienu rotot 627 u 427 fil-passat. |
| | Is-Sindku informa ukoll li flimkien mal-kunsillier responsabbli mill-kultura Reno, kien iltaqa' ma uffiċjal mill-ministeru tal-Arti, Kultura u Gvern Lokali sabiex jitkellmu fuq is-sistema tal-beacons. |
| | Is-Sindku qal li hu qed jissuġġerixxi li fil-laqgħa li jmiss issir diskussjoni fuq il-bija tal-kunsill u niftiehmu fuq konferenza stampa |
| | |
| | **Mistoqsijiet lis-sindku** |
| | Miriam qalet li truck taż-żibel ma jkunx jista' jgħaddi minn Triq Cadeo, jkollu jidħol bir-reverse. Is-sindku qal li biex jgħaddi trakk taż-żibel ser inkunu qed jintilfu 2 parkeġġi għalhekk hu kien tal-fehema li jekk it-trakk taż-żibel jgħaddi |

| | |
|---|---|
| | bil-mod u ma kellux ikollu problema għax it-triq mhux traffikuża |
| | Matthew saqsa fuq il-fishbone parking tal-monti nhar ta' Ħadd. Is-sindku qal li jkun hemm inqas konfużjoni u jidrhu isbaħ hekk il-parkeġġ isir orizzontali. Matthew saqsa ukoll fuq is-swimming żones tal-mgħaluq. Is- Sindku qal li kien ser jikteb lil TM. Matthew saqsa ukoll fuq ir-roster tal-attivitajiet li jinkludu tombla. Is-Sindku qal li kienet ser issir skeda. Matthew saqsa fuq Triq Arżnell. Is-Sindku wieġeb li hemm parti li hi lesta u ser tkun qed tingħata tarmak sabiex tinfetaħ. Triq Kunċizzjoni u Sant'Antnin kien hemm xogħol ta' emerġenza tal-Enemalta li dieħel għas-sub station. Dan jibqa' sejjer għal Triq Kavallerizza għal Triq ix-Xerriek. Triq Bartelemy trid tinqaleb fid-direzzjoni u din tibqa' hekk sa San Girgor. Għalhekk kienu ser jitwaħħlu sinjali tat-traffiku apposta. Tal-Linja tgħaddi mix-Xatt |
| | Matthew qal ukoll li l-kunsill ma kienx infurmat bit-tenders li ħarġu u li sar jaf bihom biss mis-schedule of payments. Is-Sindku qal li dawn it-tenders kienu diġà diskussi. Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li meta tenders jiġu diskussa fil-kunsill hi tesegwixxi dak li jkun intqabel fuqu u dan hu xogħol amministrattiv.<br><br>Matthew ġibed l-attenzjoni li t-tender MXLC 02/2025 inħareġ biex jinxtara servizz iżda l-ispecial conditions inklużi fit-tender kienu dawk tas-supplies. Qal li jekk it-tender jiġi awarded seta' ipoġġi lill-Kunsill f'pożizzjoni problematika u allura qal li dan it-tender kellu jitwaqqaf u jerġa jinħareġ. Id-DES wieġbet li kienet ser tiċċekkja. |
| | |
| **15.3** | **Rikjesta mill-assistent Prinċipal** |
| | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet rikjesta minn għand l-assistent prinċipal sabiex taħdem bir-reduced hours minħabba li għanda tfal żgħar. Hekk ikun hemm bżonn li din taħdem xi sigħat żejda dawn jitħallsu bis-siegħa siegħa. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsill kollu. Id-DES spjegat ukoll li kienet għamlet talba għal studenti sabiex jaħdmu fis-sajf. |
| | |
| **15.4** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Kien hemm qbil unanimu fuq il-pagamenti. Miriam kienet il-proponent u Reno bħala sekondant. |
| | |
| **15.5** | **Planning Authority** |
| | Il-Kunsill kien irċieva notifika li kien approvat il-proġett tal-barumbara. Għaldaqstant is-sindku kien ser jitkellem mal-ministeru minħabba l-kundizzjonijiet imposti fl-approvazzjoni.<br><br>Daniel qal ukoll li fil-permess tal-Hunters Towers il-permess kien approvat li torri kien ser jitwaqqa' |

| | |
|---|---|
| **15.6** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| | Il-kunsill qabel li laqgħa li jmiss kellha ssir nhar is-6 ta' Mejju fl-16.30 fil-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk. |

Konfermati, illum 6 ta' Mejju, 2025.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***